*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*
*73, ST. MARY STREET*
*TARXIEN. TXN 1704*
*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email :- tarxien.lc@gov.mt*

Kunsill Lokali – Ħal Tarxien – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Tarxien

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 29

It-Tlieta 13 ta' Lulju 2021

Il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 73, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN1704, fis- 6:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Joseph Abela Galea – Sindku
Darlene Vella Zammit – Viċi Sindku
Neil Portelli – Kunsillier
Christian Pace – Kunsillier
Ismael Dalli – Kunsillier

SKUZATI:
Thomas Debattista – Kunsillier
Anabelle Marmara' – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

JAG EV

| | |
|---|---|
| **29.1** | Qari ta' ittri ta' apoloġiji |
| 29.1.1 | Il-laqgha tal-Kunsill Lokali bdiet fis-18:50 minhabba li ma' kienx hemm *Quorum*. |
| 29.1.2 | Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsilliera li s-Sur Thomas Debattista u s-Sa Anabelle Marmara talbu li jkunu skuzati ghall-laqgha minhabba sitwazzjoni li ma kellhomx kontroll fuqa. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti ma' nstabet l-ebda oggezzjoni f' dan ir-rigward. |
| **29.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 29.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti nnumerata 28, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ttieħdu bħala moqrija. |
| 29.2.2 | Is-Sur Christian Pace ppropona u s-Sa Darlene Vella Zammit ssekondat il-minuti tas-Seduta numru 28, u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **29.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku** |
| 29.3.1 | Is-Sindku ghamel referenza ghall-Jum Ħal Tarxien li nzamm fis-27 ta' Gunju u rringrazzja lill-Kunsilliera tal-prezenza taghhom kif ukoll wera l-apprezzament tieghu ghall-attendenza tal-ghadqiet tal-lokalita'. |
| 29.3.2 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera prezenti li *Infrastructure* Malta bdiet bix-xoghol tal-parkegg ta' fejn l-iskola u spjega li kollox qed isir b`mod professjonali, sahansitra se jkun hemm *gutters* sabiex meta taghmel ix-xita l-ilma jibqgha ghaddej. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li se jigu wkoll installati *charging pillars* fl-istess parkegg. |
| 29.3.3 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li nhar il-Gimgha 30 ta Lulju 2021 se jigi ffirmat il-*Memorandum of Understanding* (MOU), mal-Agenzija Komunita' Malta u wara l-jibda l-progett tal-grawnd tal-5 aside u t-tisbih flimkien mal-manutenzjoni tal-gnien Veliku Turnovo. |
| 29.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li Infrastructure Malta qed taghmel il-*mains* tal-ilma fi Triq Xintill u wara se jsiru wkoll il-*mains* tal-ilma ta' Triq il-Knisja kif ukoll l-*asphalt*. |
| *Il-hin huwa 19:15 u dahal ghall-laqgha s-Sur Ismael Dalli* | |



JAG
EV

| | |
|---|---|
| 29.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 29.4.1 | Is-Sur Christian Pace staqsa"Nixtieq nistaqsi liema huma il-progetti li applikajna ghalijhom u li rnexxilna ngibu lejn ir-rahal taghna? Hemm xi *time frames* fuq dawn il-progetti? Hemm progetti ohra li qed nistennew risposta fuqhom''. |
| | Is-Segretarju Ezekuttiv ta' dettal tal-progetti attivi flimkien mal-progetti proposti li ghandu l-Kunsill Lokali;<br><br>• Il-progett tar-*Reach Out Centre,* mill-fondi Norvegizi li jrid jitlesta sa Frar 2022;<br><br>• Il-Progett ta' Gnien Joanne fejn se jinbidlu l-fanali tal-gnien u jsiru *uplights* godda, implimentazzjoni ta' struttura artistika u manutenzjoni tal-*Gazebo*, mill-fondi tal-LESA li jrid jitlesta sa Gunju 2022;<br><br>• Il-Progett tal-grawnd tal-futbol tal-5-aside flimkien mal-manutenzjoni U T-tisbih tal-Gnien Veliku Turnovo mill-fondi tal- Agenzija Kommunita' Malta li jrid jitlesta sa Lulju 2022;<br><br>• Proposta tal-applikazzjoni li ntbghatet sabiex jinaghtaw fondi mit-tieni sejha tal-fondi Norvegizi u jitkompla t-tisbieh fi Gnien Joanne;<br><br>• Proposta ghall-applikazzjoni ta' kompetizzjoni tal-European Mobility Week, bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru ghat-Trasport, Infrastruttura u Progetti Kapitali, sabiex jinxtara Van tal-elettriku.<br><br>Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li apparti dawn il-progetti msemmija hemm ukoll l-iskema tal-LC Care u skemi ohra li l-Kunsill ghadu qed jistenna risposta jekk gewx approvati jew le. |
| 29.5 | Rapporti |
| 29.5.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunilliera li l-awdituri baghtu l- *Management Letter* ghas-sena 2020 u ghamlet referenza ghall-5 aside futbol grawnd. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li flimkien mas-Sindku attendiet laqgha mat-terzi li kienu jaghmlu parti mill- *Joint Venture* tal-5 aside futbol grawnd, fejn gew infurmati li l-kuntratt kien skada fis-sena 2016, ezatt mat-terminu tal-validita tal-kuntratt tad-devoluzzjoni li l-Kunsill kellu mal-awtorita' tal-artijiet. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsilliera li t-terzi ma' sabu l-ebda oggezzjoni, filfatt iffirmaw ukoll il-formola tat-terminazzjoni tan-numru tal-VAT li kien bejn il-*Joint Ventures*. |



JAG EV

| | |
|---|---|
| | Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li fl-opinjoni taghha l-Kunsill ghandu jiehu l-parir tal-awdituri u jaghmel *audit sabiex* permezz *tal-Audited Financial Statements* ikollu kjarifika cara tal-finanzi tal-5 aside meta kien bejn il-*Joint Ventures*. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkret lill-Kunsill fil-kont tad-dawl li kien qed jidher dovut minn *Cassar Ship Repair* u spjegat li l-*Joint Venture* gie terminat fi Frar 2016.Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-kont tad-dawl li jkopri minn April 2016 sa Dicembru 2019 m'ghandux jithallas nofsu minn *Cassar Ship Repair* minhabba li t-terminu tal-*Joint Venture* kien Frar 2016. Fir-rigward tal-proposta tal-*audit* ghall-5 aside futbol grawnd kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti li l-ewwel ghandha tinzamm laqgha ta' diskussjoni bejn il-Kunsilliera mbad jigi deciz jekk isirx l-*audit*. |
| 29.5.2 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li fil-*Management Letter* l-awdituri rrimarkaw li l-Kunsill ghandu jaghti lill-Catbros Ltd ammont ta' flus li huma *retention money* tal-progett ta' Kurunell Mas. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li bghat kollox lill-*accountants* tal-Kunsill sabiex jivverifikaw u t-total varja bi ftit, fejn l-awdituri rrimarkaw is-somma ta 12,678.79Eur u l-*accountants* sabu differenza ta 146.61Eur u s-somma giet tammonta ghall-12,825.40Eur. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li r-*retention money* dovuti lill-Catbros Ltd jinaghtaw mill-aktar fis. |
| 29.5.4 | Is-Segretarju Ezekuttiv irrefera ghall-punt iehor fil-*Management Letter* li huwa relatat ma' Vella Group. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li l-Kunsill precedenti kien iltaqgha mas-Sur Vella flimkien mal-Avukat fejn saret dikjarazzjoni bil-miktub li l-Kunsill hallas lill-Vella Group ammont pendenti ta' xogholijiet u sar ftheim li dan il-hlas ikopri kollox sal-2018. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li ma` dan kollu Vella Group xorta ghadu jibghat kontijiet tal-passat u ma' jridx jikkonferma *nil balance statement* fil-konfront tal-Kunsill. Wara diskussjoni libera gie deciz li l-Kunsill ghandu jkellem lill-avukat sabiex jara x' passi jistghu jittiehdu fdan ir-rigward. |
| 29.5.3 | Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta l-*Letter of Representation* flimkien mal-*Audited Financial Statements* 2020, ghall-approvazzjoni tal-Kunsilliera. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti l-*Letter of Representation* flimkien mal-*Audited Financial Statements* 2020 gew approvati kif prezentati. |
| 29.5.4 | Is-Segretarju Ezekuttiv ghamel referenza ghall-*Management Letter* u fakkar lill-Kunsilliera fil-kotba li ghandu l-Kunsill. Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li peress li dawn il-kotba huma bla valur m'ghandhomx ikunu *insured*. |



JAG EV

*MAYOR - JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR - DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS - NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY - EMMA VELLA*

| | |
|---|---|
| 29.5.5 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera li permezz tal-*Management Letter* il-Kunsill gie nfurmat li kien hemm diskripanza tal-flus fl-onorarja tas-Sindku ghaldaqstant, kellu jsir rimbors. Wara diskussjoni libera u vot unanumu bejn il-Kunsilliera prezenti ma` kien hemm l-ebda oggezzjoni f dan ir-rigward. |
| **29.6** | **Mozzjonijiet** |
| 29.6.1 | Ma kienx hemm. |
| **29.7** | **Sejhiet ghall-offerti** |
| 29.7.1 | Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti li permezz tal-fondi tal-LESA, qed jigi *drafted* it-*Tender* ta` Gnien Joanne sabiex tohrog l-offerta ghat-tibdil tal-fanali u sabiex jigu nstallati *uplights*. |
| **29.8** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti** |
| 29.8.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali s-skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 24/08) flimkien mal-lista ta' petty cash maħruġ matul ix-xahar ta' Gunju/Lulju 2021 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 29.8.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Neil Portelli ssekondat mis-Sur Ismael Dalli, l-Kunsill Lokali unanimament approva l-listi li huma annessi u li jifformaw parti minn dawn il-minuti. |
| **29.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |
| 28.9.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19.45p.m. wara li giet ezawrita l-Agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 17 ta' Awwissu 2021 fis-6:30p.m. |

Konfermati, illum 13 ta' Lulju 2021.

Joseph Abela Galea
Sindku

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv



*MAYOR - JOSEPH ABELA GALEA • DEPUTY MAYOR - DARLENE VELLA ZAMMIT*
*COUNCILLORS - NEIL PORTELLI, THOMAS DEBATTISTA, CHRISTIAN PACE, ISMAEL DALLI, ANABELLE MARMARA*
*EXECUTIVE SECRETARY - EMMA VELLA*